**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 15/2015**

**Mary Grace Muscat (K.I. 41856M)**

**vs**

**Kenneth Konrad Mallia Milanes u martu Lisa Ann Mallia Milanes**

**Illum 1 ta' Frar, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi permezz ta' ftehim datat it-tnejn (2) ta' Lulju, 2013 (Dokument A) l-intimati hadu b'kiri minghand ir-rikorrenti l-fond bin-numru 66, bl-isem 'Chloe Corner Store', Triq il-Dolmen, kantuniera ma' Triq ix-Xmiel, Marsascala, bhala hanut, bil-kera u bil-kundizzjonijiet l-ohrajn li jirrizultaw skont il-ftehim riferenzjat.

2. Illi l-intimati gew mitlubin mir-rikorrenti sabiex ihallsu l-kera dovuta ghall-iskadenza li ghalqet fit-2 ta' Novembru, 2014, kif ukoll sabiex jissupplixxu l-prova li assiguraw il-fond mikri lilhom kif jitlob il-ftehim li sar (artikolu 12)

3. Illi minkejja l-interpellazzjonijiet tar-rikorrenti l-intimati baqghu inadempjenti.

4. Illi jezistu ragunijiet sufficjenti skont il-ftehim ta' kiri li sar bejn il-partijiet biex l-istess kiri jitqies illi gie mitmum.

5. Illi inoltre l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti l-kera dovuta ghat-tieni sena tal-kiri, 'di rispetto', li bdiet fis-sehh fit-2 ta' Awwissu, 2014, kif jirrizulta wkoll skont il-ftehim ta' kiri, u cioe' l-ammont ta' tlettax-il elf u hames mitt ewro (€13,500), billi l-ewwel tliet xhur ta' l-istess sena 'di rispetto' kienu mhallsin.

Illi l-intimati m'ghandhomx difiza x'jaghtu ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jintalab illi dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet suesposti:

i. Jisma' u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta; u

ii. Prevja d-dikjarazzjoni tal-hall tal-kiri kkontrattat kif spjegat fit-2 ta' Lulju 2013, jawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriprendi l-pussess tal-fond hawn fuq imsemmi, u

ghal dan il-ghan jipprefiggi terminu qasir u perentorju illi fih l-intimati ghandhom jizgumbraw mill-fond;

iii. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta’ €13,500 in linea ta’ kera dovut minnhom ghas-sena ta’ kiri li ghalqet fit-2 t’Awwissu, 2014, ‘di rispetto’, kif spjegat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittri legali mibghuta lill-intimati, u bl-imghax legali, kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.

Ra li l-intimati kienu debitament notifikati fit-22 ta’ Mejju 2015 bir-rikors promotur u bid-digriet tad-19 ta’ Frar 2015;

Ra li l-intimati kienu debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh fl-20 ta’ Novembru 2015 ghas-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2015;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b’dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnha maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimati m’ghandhom l-ebda difiza valida x’jistghu jaghmlu skond il-ligi;

Ra illi l-intimati ma ressqu l-ebda nota ta' oggezzjoni ghat-talbiet attrici;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ra illi l-intimat Kenneth Konrad Mallia Milanes deher quddiem il-Bord fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2015 u ammetta t-talbiet attrici;

Ra illi l-intimata Lisa Ann Mallia Milanes ma dehritx;

Ra illi r-rikors thalla ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum, 1 ta' Frar 2016;

Sema' lill-intimat fis-seduta tal-lum jaghti ruhu b'notifikat ghan-nom ta' martu bl-avviz tas-smiegh li gie notifikat lilu fl-20 ta' Novembru 2015 u dan wara li kkonferma li ma hemmx xi proceduri pendenti fil-Qorti bejniethom;

Sema' lill-intimat jammetti t-talbiet attrici ghan-nom ta' martu;

Iddecieda:

Il-Bord stante l-ammissjoni tal-intimati ghat-talbiet tar-rikorrenti, qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefiggi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur